REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 504/2009

tal-15 ta' Ġunju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 546/2003 dwar ċerti notifiki li jirrigwardjaw l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75 u (KEE) Nru 2783/75 fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 192, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ u l-lactalbumin ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2003 ([3]) jipprovdi li l-Istati Membri jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni kull nhar ta' Ħamis dwar il-prezz tal-bejgħ fl-istabbilimenti tal-ippakkjar għall-bajd tal-klassi A minn tiġieġ fil-gaġeġ, jiġifieri l-medja tal-kategoriji L u M. Ċerti Stati Membri ttrasponew id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi standards minimi għall-ħarsien ta' tiġieġ li jbid ([4]) billi fit-territorju tagħhom imponew standards tal-benessri aktar stretti mill-istandards minimi ffissati f'dik id-Direttiva. B'konsegwenza ta' dan, ċerti metodi ta' trobbija għat-tiġieġ tal-bidien ma baqgħux jitħaddmu fl-Istati Membri kollha. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri li ma għadhomx fil-qagħda li jikkomunikaw lill-Kumissjoni l-prezz tal-bajd prodott fil-gaġeġ għandhom jikkomunikawlha l-prezz tal-bajd prodott fl-imtamar.

(2) Għal finijiet ta' armonizzazzjoni, il-komunikazzjonijiet kollha marbuta mal-prezzijiet fis-settur tal-laħam għandhom jintbagħtu fl-istess ġurnata fost il-ġimgħa; għalhekk huwa f'loku li n-notifiki jsiru nhar ta' Erbgħa.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 546/2003 għaldaqstant għandu jkun emendat skont dan.

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 546/2003, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sa mhux aktar tard minn 12:00 (ħin ta' Brussell) kull nhar ta' Erbgħa, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni elettronikament:

(a) il-prezz tal-bejgħ fl-istabbilimenti tal-ippakkjar għall-bajd tal-klassi A minn tiġieġ fil-gaġeġ, jiġifieri l-medja tal-kategoriji L u M, jew, fejn il-produzzjoni fil-gaġeġ ma għadhiex rappreżentattiva, il-prezz tal-bejgħ tal-bajd prodott minn tiġieġ tal-bidien miżmuma f'sistema tal-matmura, filwaqt li jindikaw li l-prezz tal-bejgħ jirreferi għal bajd prodott fil-matmura;

(b) il-prezz tal-bejgħ fl-impjanti tat-tbiċċir jew il-prezzijiet bl-ingrossa rreġistrati fis-swieq rappreżentattivi għal tiġieġ sħiħ tal-klassi A magħrufa bħala 'tiġieġ tal-65 %', jew inkella għal preżentazzjoni oħra ta' tiġieġ sħiħ, jekk tkun aktar rappreżentattiva."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104.
([3]) ĠU L 81, 28.3.2003, p. 12.
([4]) ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53.